**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2016**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 306/2011**

**ACMA – Inox and Metal Limited**

**vs**

**Giuseppe Vichi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici giet inkarigata minn terzi persuni jew ahjar Carmel maghruf bhala Charles u Carmen konjugi Azzopardi ta' 13, Pixxispada. Trig J. Kaplan, Kortin, Mellieha sabiex jaghmlu xoghol konsistenti f'poggaman tat-tarag fil-fond imsemmi, liema poggaman kien jinkludi ukoll strixxi tal-hgieg ("glass rods").

2. Illi dan ix-xoghol gie esegwit mis-socjeta attrici.

3. Illi sussegwentement irrizulta li xi strixxi tal-hgieg bdew jinkisru ripetutament u dana ghal raguni sa dak iz-zmien mhux maghrufa.

4. Illi dawn l-istrixxi tal-hgieg kienu gew mixtrija minghand il-konvenut.

5. Illi meta s-socjeta attrici inkarigat espert sabiex jezamina dan il-kaz tal-ksur tal-hgieg, l-espert imsemmi, permezz ta' rapport mhejji minnu datat 7 ta' Jannar 2010, ikkonkluda illi l-hgieg mhux idoneju ghall-iskop Ii ghalih gie mixtri.

6. Illi s-socjeta attrici irceviet ukoll ittra ufficjali f'dan ir-rigward minghand il-konjugi Azzopardi fuq imsemmija fejn intalbet thallas lura l-prezz tal-poggaman u cioe s-

somma ta' hmistax-il elf u tmien mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (ewro15,889.73).

7. Illi sal-lum il-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni, baqa' inadempjenti.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi, is-socjeta attrici qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-hgieg li nxtara minghand il-konvenut mhux idoneju ghall-iskop li ghalih gie mixtri u ghalhekk ma hux tal-kwalita miftehma;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici bl-opera ta' perit nominandi jekk ikun il-kaz;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. IIIi, in linea preliminari, it-tieni u t-tielet talba attrici ma jistghux iregu u huma guridikament improponibbli u dana billi l-azzjoni hekk kif promossa hija dik fil-paramteri tal-art. 1390 tal-Kap. 16 tal-ligijiet u li ma taghtix ir-rimedju ghall-azzjoni generali ghad-danni izda rimedji ohra;

2. IIIi, preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici anke minn ezami tar-rikors mahluf promotorju jirrizulta li hija wahda intempestiva ghall-ahhar;

3. Illi l-pretensjoni tas-socjeta attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt skont il-ligi u dana billi l-materjal ikkonsenjat mir-rikorrent hu wiehed tal-kwalita pattwita;

4. Illi l-materjal li gie ikkonsenjat lis-socjeta rikorrenti gie ikkonsenjat lilha skont l-ispecifikazzjonijiet u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-socjeta rikorrenti;

5. Illi jekk hemm xi haga li marret hazin, mhux ir-rikorrenti li ghandu jahti izda minn istalla l-istess materjal;

6. Illi isegwi li l-intimat ma ghandu jwiegeb ghall-ebda danni fil-konfront tas-socjeta rikorrenti;

7. IIIi, fi kwalunkwe u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici tipprova d-danni li hija sofriet fil-mument li hija ressqet il-kawza taghha;

8. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat l-atti, ir-rapporti peritali, l-eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijieti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jinghad illi l-parametri tal-azzjoni huma dawk definiti minn min jmexxi l-quddiem l-azzjoni u la darba l-attur ikun ghazel it-triq li jrid ighaddi minnha biex jiehu r-rimedju mitlub, irid jassikura ruhu li t-triq maghzula hi konformi mal-ligi u r-rimedju mitlub hu dak li takkorda l-istess ligi. Il-Qorti ma ghandha ebda jedd jew diskrezzjoni li takkorda rimedju meta l-ligi ma thallix din id-diskrezzjoni.

Hu inkontestat illi l-azzjoni attrici hi bazata unikament u specifikament a bazi tal-artikolu tal-bejgh fejn l-oggett konsenjat mill-venditur mhix tal-kwalita miftehma. Is-socjeta attrici b'mod car titlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-hgieg mixtri minghand il-konvenut mhux idoneju ghall-iskop li ghalih gie mixtri u ghalhekk mhux tal-kwalita miftehma. L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 jipprovdi ghal tali talba b'mod specifiku. Jekk l-oggett mhux tal-kwalita miftehma jew mhux skond il-kampjun provdut li fuqu sar il-bejgh allura x-xerrej ghandu zewg rimedji disponibbli. L-ewwel wiehed hu li jirrifjuta l-oggett u minflok jitlob id-danni li sofra jew altrimenti jaccetta l-konsenja tal-oggett izda jitlob tnaqqis fil-prezz.

Is-socjeta attrici ma talbet ebda wiehed minn dawn ir-rimedji kif trid il-ligi. Hu minnu li r-rimedju mitlub hu wiehed ta' danni sofferti pero tali talba mhix preceduta minn ebda rifjut tal-oggett b'mod formali u anqas fattwali. Is-socjeta attrici mhux talli zammet l-oggett mibjugh wara li istallatu skont il-ftehim bejn is-socjeta attrici u t-terz izda wkoll meta beda jixxaqqaq xi hgieg, l-istess socjeta xtrat ammont iehor ta' hgieg minghand il-konvenut u istallatu wkoll. Kien biss f'dan l-istadju li s-socjeta attrici hadet passi. Pero l-passi li hadet ma kienx tar-rifjut izda biss wiehed ta' kundanna u risarciment ta' danni favur l-istess socjeta attrici, minghajr fl-ebda hin ma gie rifjutat l-oggett anki b'mod formali biex is-socjeta attrici tikkonforma ruhha ma' dak li trid il-ligi. Il-ligi, la darba t-talba issir a bazi tal-artikolu 1390 ma taghtix lix-xerrej opzjonijiet ohra hlief dawk li johorgu mill-istss artikolu u dawk konnessi mieghu bhall-artikoli 1402, 1404 u

1406 tal-Kodici Civili. Ara f'dan is-sens **JC Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** (PA 28/06/2001), u **Atlas Insurance PCC Limited vs United Equipment Co Ltd** (App Inf 06/10/2010). Kif qalet il-Qorti fil-kawza **L & D Attard Co. Limited vs Eurometal Co. Limited** (App 28/01/2005):

> L-Artikolu 1390 jghid kjarament x'jista jaghmel ix-xerrej meta jigi rinfaccjat b'oggett li ma jkunx gie mghoddi lilu skond kif miftiehem. Jista' jirrifjutah jew izommu u jitlob diminuzzjoni fil-prezz tal-bejgh. Li zgur ma jsitax jaghmel hu li jibqa' jzomm ghandu dan l-oggett.
>
> Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea deciza fil-31 ta' Jannar 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (cit nru. 891/1990/1) intqal li gej dwar l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili,
>
> "Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta` u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan irrifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-periculum rei perditae" (Francesco Zammit vs Celest Spiteri, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)."
>
> Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine, Appell Civili, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit.

Ara wkoll **Vastek International Limited vs Engineering and Technology Limited** (PA 15/12/2003).

Hu minnu illi l-hgieg gie istallat fi proprjeta ta' terzi li maghhom is-socjeta attrici kellha relazzjoni ta' appalt u jista' jkun li s-socjeta attrici ma kellhiex il-possibilita li taqilghu biex tirrifjutah darba istallat fil-proprjeta ta' haddiehor pero l-istess socjeta ma taghmel ebda accenn ghal din il-kontingenza fil-premessi jew fit-talbiet liema talbiet ma jirrispekkjawx il-ligi kif inghad u lanqas saret xi forma ta' rifjut formali tal-hgieg mibjugh la qabel u anqas mal-prezentata tal-kawza. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li tista' tintratjeni l-kawza attrici ghax ir-rimedju mitlub mhux wiehed minn dawk permissibbli bl-artikolu 1390 tal-Kap. 16.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara r-rimedji mitluba mis-socjeta attrici mhux proponibbli ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 u ghalhekk qed tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur